MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 223/2005

**KVC Services Limited C 10381**

**Vs**

**Stefan Farrugia 141570(M) u
Isabelle Farrugia 385272(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ elf u disa’ liri Maltin u disghin centezmu (Lm1,009.90c) rapprezentanti prezz ta’ diversi poloz ta’ l-assigurazzjoni mahruga mill-istess socjeta’ attrici fuq ordni tal-konvenuti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta Isabelle Farrugia fl-ewwel eccezzjoni qalet li t-talba attrici hija preskritta fil-konfront tal-konvenuta ai termini ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fit-tieni eccezzjoni Isabelle Farrugia tghid li t-talba attrici ghandha tigi respinta stante illi l-eccipjenti qatt ma xtrat poloz ta’ l-assigurazzjoni minghand is-socjeta’ attrici u ghalhekk l-ebda ammont m’huwa dovut.

Fit-tielet eccezzjoni l-konvenuta tghid illi ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghad-debiti tal-konvenut l-iehor u dan ghaliex kienet hadet l-annullament.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ Karl Cachia li huwa Managing Director tas-socjeta’ attrici fejn jikkonferma li ghandu invoices indirizzati lil Stefan Farrugia ta’ *house policy*, *shop policy* u ta’ zewg karozzi. Jghid li originarjament il-konvenut kien imur jaghmel il-polza mbaghad beda jaghmel policies ghan-nom ta’ martu Isabelle Farrugia.

Jghid illi l-konvenuti kienu hallsu erba’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm423) izda c-cekk gie *“returned to drawer”*. Cachia jghid illi hemm polza f’isem il-konvenuta biss tal-karozza, u tal-hanut u tad-dar qieghdin fuq iz-zewg konvenuti. Jikkonferma illi taz-zewg karozzi ma hallsu xejn.

Ra x-xhieda ta’ Isabelle Farrugia fejn tghid illi hi zzewget fl-24 ta’ Mejju, 1997 u hadet l-annullament fl-2004. Tikkonferma li qabel ma zzewget lil Stefan Farrugia kellhom mini market. Tghid li damu bil-hanut xi erba’ snin u dan kien inxurjat. Tikkonferma li kellha anki l-karozza Mazda nxurjata izda r-ragel taghha kien bieghha waqt li hi kienet fuq il-post tax-xoghol.

Tikkonferma li hi qatt ma ffirmat xi poloz mas-socjeta’ attrici kif fil-fatt jidher mid-dokumenti esebiti. Tikkonferma li l-firem huma ta’ Stefan Farrugia.

Fil-kontro-ezami tghid illi l-Mazda saqitha darba. Tghid ukoll illi Karl Calleja kien jigi kemm-il darba l-hanut izda qatt ma qallha xejn fuq il-kontijiet. Tikkonferma li qatt ma tat dettalji sabiex timtela *proposal form*. Isabelle Farrugia tghid illi c-cekk li hemm *“refer to drawer”* fil-process

inhareg mill-*joint account* taghha u tal-konvenut izda Stefan Farrugia kien dejjem jamministra l-istess *joint account* wahdu.

Ra illi fid-dokumenti esebiti ma tidher l-ebda firma ta' Isabelle Farrugia.

Ra illi l-konvenut Stefan Farrugia naqas li jixhed.

Illi l-ewwel eccezzjoni hija dwar il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (hames snin). Il-poloz jikkoncernaw poloz ghas-snin 2000 u 2001. Illi kien inghata cekk fi Frar 2000 liema cekk gie lura. Illi giet esebita Ittra Ufficjali (a fol 3 tal-process). Din l-Ittra giet debitament notifikata u ghalhekk hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

Illi fit-tieni eccezzjoni Isabelle Farrugia tghid li hi qatt ma xtrat poloz minghand is-socjeta' attrici.

Illi jirrizulta li l-konvenuti kienu mizzewgin u hadu l-annullament f'Marzu 2004. Jirrizulta li fi zmien meta l-poloz kienu validi l-konvenuta kienet tiggestixxi l-hanut u kienet taf li kien hemm insurance. Illi ghalhekk it-tieni eccezzjoni hija wkoll michuda.

Illi l-konvenuta tghid ukoll li hemm sentenza ta' l-annullament f'Marzu 2004. Illi din is-sentenza ma gietx esebita. Illi d-debiti huma ta' perjodu qabel l-annullament. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija wkoll michuda.

Illi jirrizulta li waqt iz-zwieg tal-konvenuti huma kienu koperti bil-poloz ta' l-assigurazzjoni in kwistjoni u ghalhekk ghandhom ihallsu l-*premiums*.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf u disa' liri Maltin u disghin centezmu (Lm1,009.90c) kif spjegat fl-Avviz. Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------